

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1092/2014**tas-16 ta' Ottubru 2014****li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu ta' dolċifikanti f'ċerti pejsts tal-frott jew tal-ħaxix****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) Il-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel tista' tiġi aġġornata skont il-proċedura komuni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ jew fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni jew wara li ssir applikazzjoni.
- (3) Fl-24 ta' April 2014 ġiet ippreżentata talba għall-awtorizzazzjoni tal-użu ta' dolċifikanti fil-prodotti kollha li jidħlu fis-sottokategorija 04.2.5.3 tal-ikel: "pejsts tal-frott jew tal-ħaxix oħra simili" tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008. Din is-sottokategorija tinkludi l-pejsts tal-frott jew tal-ħaxix simili għall-ġamm, għall-ġeli (ġelatini) u għall-marmellati kif iddefinit mid-Direttiva tal-Kunsill 2001/113/KE ⁽³⁾. Sussegwentement l-applikazzjoni saret disponibbli għall-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008.
- (4) Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/113/KE tiddekrivi u tiddefinixxi l-ġamm, il-ġelatini u l-marmellati. Il-pejsts tal-frott jew tal-ħaxix, simili għall-ġamm, il-ġeli u l-marmellati, li jaqgħu fis-sottokategorija tal-ikel 04.2.5.3, jista' jkun fihom ingredjenti oħrajn appartati dawk elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 2001/113/KE (eż. vitamini, minerali u taħwir).
- (5) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jawtorizza l-użu ta' dolċifikanti Aspartam (E 951), Neotam (E 961) u Melħ tal-aspartam-aċesulfam (E 962) fil-ġamm, fil-ġeli u fil-marmellati b'valuri enerġetiċi mnaqqsa, kif ukoll f'pejsts tal-frott oħra simili bħal pejsts għal fuq il-ħobż abbażi ta' frott immixxef b'valuri enerġetiċi mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud.
- (6) Estensjoni tal-użu ta' dawk id-dolċifikanti għall-pejsts tal-frott jew tal-ħaxix simili l-oħra kollha b'valuri enerġetiċi mnaqqsa se tippermetti l-użu tagħhom b'mod simili bħal ma jintużaw fil-ġamm, fil-ġeli u fil-marmellati b'valuri enerġetiċi mnaqqsa.
- (7) Peress li l-pejsts tal-frott jew tal-ħaxix jintużaw bħala alternattiva għall-ġamm, għall-ġeli u għall-marmellati, l-użu ta' dolċifikanti f'dawn il-pejsts mhux se jwassal għal żieda ta' esponiment tal-konsumatur u għalhekk dan mhuwiex ta' tħassib għas-sikurezza.
- (8) Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel biex taġġorna l-lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel stipulata fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, ħlief meta l-aġġornament inkwistjoni ma jkunx mistenni jħalli effett fuq is-saħħa tal-bniedem. Peress li l-estensjoni tal-użu tal-Aspartam (E 951), in-Neotam (E 961) u l-Melħ ta' aspartam-aċesulfam (E 962) għall-pejsts tal-frott simili l-oħra kollha b'valuri enerġetiċi mnaqqsa, tikkostitwixxi aġġornament ta' dik il-lista li mhuwiex mistenni li jħalli effett fuq is-saħħa tal-bniedem, ma hemmx bżonn tintalab l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel.
- (9) Għalhekk, l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għandu jiġi emendat kif xieraq.
- (10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

⁽¹⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jstabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1).⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/113/KE tal-20 ta' Diċembru 2001 li għandha x'taqsam mal-ġamm tal-frott, il-ġelatini u l-marmellati u mal-purejiet tal-qastan mogħtija l-ħlewwa maħsuba għal konsum mill-bniedem (ĠU L 10, tat-12.1.2002, p. 67).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX

Fil-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 l-annotazzjonijiet fis-sottokategorija tal-ikel 04.2.5.3 "Pejsts tal-frott jew tal-ħaxix oħra simili" għal E 951, E 961 u E 962 huma sostitwiti b'dan li ġej:

	"E 951	Aspartam	1 000		pejsts tal-frott jew tal-ħaxix b'valuri enerġetiċi mnaqqsa biss u pejsts għall-ħobż abbażi ta' frott immnixxef, b'valuri enerġetiċi mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud
	E 961	Neotam	32		pejsts tal-frott jew tal-ħaxix b'valuri enerġetiċi mnaqqsa biss u pejsts għall-ħobż abbażi ta' frott immnixxef, b'valuri enerġetiċi mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud
	E 962	Melħ tal-aspartam-aċesulfam	1 000	(11)b (49) (50)	pejsts tal-frott jew tal-ħaxix b'valuri enerġetiċi mnaqqsa biss u pejsts għall-ħobż abbażi ta' frott immnixxef, b'valuri enerġetiċi mnaqqsa jew mingħajr zokkor miżjud